MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 136/2006/1

**Maria Carmela sive Karen Abdilla**

**v.**

**Peter Abdilla**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-konvenut u l-iehor incidentali maghmul mill-attrici, minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fil-21 ta' Gunju 2013 li permezz taghha dik il-Qorti *inter alia* ddecidiet dwar it-talba attrici ghal hlas ta' manteniment billi ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici rata ta' manteniment mensili ta' €200 ghaliha u ta' €220 ghat-tifla minuri tal-partijiet, kif ukoll dwar l-ammont ta' €23,970 li dik il-Qorti ordnat li ghandu jigi prelevat favur il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali numru 35 'Bernardetta' Triq Guzeppi Penza, Hal Far.

2. Fir-rikors tal-appell tieghu l-konvenut talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li thassarha in kwantu ordnatlu jhallas manteniment lill-attrici ghaliha fis-somma €200 fix-xahar, tichad it-talba attrici f'dan ir-rigward, u tikkonfermaha ghall-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

3. Min-naha taghha l-attrici, fir-risposta taghha, talbet li ghar-ragunijiet hemm indikati l-appell tal-konvenut jigi michud; ukoll interponiet appell incidentali li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrifoma s-sentenza appellata billi [1] tawmenta l-manteniment pagabbli mill-konvenut, kemm taghha kif ukoll ghat-tifla minuri ghal somma aktar xierqa, u [2] ukoll billi tiddikjara li l-kreditu parafernali li ghandu dritt jippreleva l-konvenut mal-bejgh tad-dar ghandu jkun fl-ammont ta' €8,851 u mhux l-ammont ta' €23,970.

**L-Appell tal-Konvenut**

4. Dan hu bazat fuq aggravju wiehed li jirrigwarda l-manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti u li ghandu tlett aspetti: li l-ewwel Qorti ma kellhiex takkorda manteniment lill-attrici ghaliha peress li jonqos l-element tal-bzonn rikjest mil-ligi; li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa esagerat tenut kont tal-mezzi tal-attrici u tal-hilijiet taghha biex tahdem u tmantni lilha nnifisha; li, ghalkemm l-ewwel Qorti osservat li l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi fuq l-esponent ghal ghomorha kollu, naqset li timponi terminu sa meta jibqa' jissussisti l-obbligu tal-konvenut li jmantni lill-attrici.

5. Min-naha taghha l-attrici fir-risposta taghha u fl-appell incidentali ssostni li, filwaqt li l-konvenut ghandu impieg regolari mal-gvern, hi m'ghandhiex mezzi sufficjenti sabiex tghajjex lilha nnifisha, tant li, apparti mill-manteniment akkordat lilha mill-Qorti hi kellha taqa' fuq l-assistenza socjali. Tispjega li l-manteniment akkordat ghaliha u ghal bint-minuri, li b'kollox jammonta ghal €420 kull xahar huwa anqas minn nofs il-paga mensili tal-konvenut, li skont l-ahhar FSS3 [tas-sena 2007] prezentata, tammonta ghal €1,173.23 fix-xahar. Inoltre, ix-xoghol ta' tindif fid-djar ta' terzi li taghmel l-attrici huwa wiehed sporadiku u ma jirrendix qliegh regolari u adegwat.

6. L-attrici tghid ukoll li mal-bejgh tad-dar matrimonjali ser jizdiedulha l-ispejjez peress li, kuntrarjament ghal dak li qed isir fil-prezent, hi ser ikollha thallas il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-post fejn tmur toqghod bit-tifla. Inoltre,

sehemha mir-rikavat tad-dar mhux ser ikun bizzejjed sabiex tixtri post fejn toqghod imma jkollha tikri residenza alternattiva u b'hekk il-piz taghha ser jizdied bil-kera li ser ikollha thallas. Ghalhekk permezz tal-appell taghha l-attrici qed titlob li l-ammont tal-manteniment jigi awmentat sabiex tkun fil-pozizzjoni li tlahhaq kemm mal-ispejjez taghha, kif ukoll ma dawk tat-tifla partikolarment tenut kont tal-fatt li l-manteniment ghat-tifla jkopri l-ispejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni.

7. Il-parti relevanti tas-sentenza appellata taqra hekk:

> "Illi l-konvenut qed jinsisti ħafna li ma għandux iħallas manteniment lill-attriċi għaliex skond hu għandha toħroġ taħdem, anzi jgħid li fil-fatt qed taħdem u esebixxa ritratti tagħha li juruha waqt li qed taħsel twieqi u galleriji ta' xi appartamenti. Skond l-aħħar digriet tal-Qorti fir-rigward mogħti fit-30 ta' Ġunju 2010, il-konvenut hu obbligat iħallas is-somma ta' mitejn disa' u ħamsin ewro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€259.29) u mija u sittin ewro (€160) mensilment għall-attriċi u l-minuri rispettivament.
>
> "Illi l-Qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-konvenut. Huwa minnu li l-attriċi ma għandiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' żewġha għal dejjem u għadha f'eta fejn tista' tibda tippjana għal dan. Madankollu tapprezza li mhux faċli għaliha bħalissa li tagħmel dan speċjalment in vista tal-fatt li l-minuri għadha ta' eta' żgħira ħafna u l-attriċi ma għandhiex sfortunatament formazzjoni edukattiva biex issib impjieg diċenti u li jippermettilha taħdem u fl-istess ħin tibqa' tieħu ħsieb lil bintha sew. Il-fatt li qed tmur *taħsel għand in-nies semmai* juri illi ma tantx għaddejja tajjeb bil-manteniment li qed tirċievi (jidher ukoll mill-atti li l-konvenut ma tantx hu puntwali fil-ħlas anzi li kien għalih ma jħallas xejn!). Il-fatt li l-attriċi qed tagħmel xogħol hekk umli għal ġid tagħha u ta' bintha anzi jirrifletti tajjeb fuqha. Għalhekk se tħalli l-manteniment ftit jew wisq kif inhu (se tbiddel l-ammonti dovuti għall-attriċi u l-minuri u tiffissahom għal mitejn ewro (€200) għall-attriċi u mitejn u għoxrin ewro (€220) għall-minuri), u tordna lill-konvenut jibqa' jħallas *rebus sic standibus*."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

8. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li meta ssehh is-separazzjoni personali bejn il-mizzewgin, kemm jekk legali wkoll jekk konsenswali, jinbidel l-ordni tal-

affarijiet bejniethom fis-sens li jispicca l-obbligu tal-koabitazzjoni, u, ghalkemm jibqa' mhux mittiefes l-obbligu tal-assistenza reciproka fejn dan ikun mehtieg, jekk fil-kaz bhal dak odjern, il-mara fiz-zwieg ma kienitx tiggenera introjtu, wara s-separazzjoni hija ghandha l-obbligu li tuza l-hila u l-potenzjal lavorattiv taghha sabiex tiggenera ntrojtu ghal ghejxien taghha u fl-istess hin tikkontribwixxi ghat-trobbija tal-wild minuri.  Jekk imbaghad minhabba cirkostanzi li ma jkunux fil-kontroll tal-konjugi, bhal fil-kaz ta' mard, dan ma jkunx fil-pozizzjoni li jiggenera introjtu adegwat ghall-manteniment tieghu nnifsu allura, sakemm ma tkunx giet pronunzjata kontra tieghu d-dekadenza mid-dritt li jircievi manteniment, il-konjugi l-iehor li jkollu mezzi adegwati ghandu l-obbligu li jkompli jmantni lil dak il-konjugi, u f'dan il-kaz japplikaw il-kriterji kontemplati fl-Artikolu 20 tal-Kodici Civili, u cioe` li manteniment li jinghata ghandu jitqies skont il-bzonn u l-hila lavorattiva ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min hu obbligat li jissoministrah.

9. Qabel ma din il-Qorti tghaddi ghall-applikazzjoni tal-principji legali fuq esposti, huwa opportun li jinghata kwadru tal-fatti relevanti ghal din il-vertenza, li rrizultaw mill-provi.

10. Qabel iz-zwieg l-attrici kienet tahdem go fabbrika bhala *machine operator* u baqghet f'dan ix-xoghol sa seba' xhur wara z-zwieg meta kellha tieqaf tahdem minhabba t-tqala.  Il-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Frar 2003 u fil-25 ta' Novembru tal-istess sena twieldet it-tifla.  Jirrizulta li l-inkwiet

matrimonjali fegg mill-bidu taz-zwieg u wara konvivenza qasira huma sseparaw *de facto*. Fis-16 ta' Mejju 2005 l-attrici bdiet il-proceduri tal-medjazzjoni li eventwalment wasslu ghall-proceduri odjerni. Matul iz-zwieg, hlief ghall-ewwel seba' xhur, l-attrici ma hadmitx aktar barra mid-dar matrimonjali, u l-kura effettiva tal-minuri kienet f'idejha. Min-naha tieghu l-konvenut jahdem mal-gvern b'salarju u dan kien l-uniku sostenn finanzjarju tal-familja. L-ewwel Qorti sabet liz-zewg partijiet ugwalment responsabbli ghas-separazzjoni, izda cahdet it-talba maghmula mill-konvenut fil-kontro-talba ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-attrici.

11. Huwa relevanti wkoll il-fatt li d-dar matrimonjali giet stmata mill-Perit Mario Cassar fl-14 ta' Novembru 2014 fl-ammont €125,000. Mal-bejgh tad-dar, ghandu jonqos mir-rikavat l-ammont ta' €18,145[1] filwaqt li l-bilanc ta' €106,855 jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, bis-sehem tal-attrici jkun ta' €53,428.

12. Illum l-attrici ghandha circa 42 sena u tghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tifla tal-partijiet li llum ghandha 10 snin. Hija m'ghandhiex impieg stabbli, ghalkemm mill-provi jirrizulta li taghmel xoghol sporadiku ta' tindif ghand terz.

13. B' digriet moghti fis-26 ta' Lulju 2005 fl-istadju tal-medjazzjoni l-Qorti akkordat manteniment mensili lill-attrici, ghaliha u ghat-tifla, fl-ammont komplessiv ta' LM180 [illum €419.29], u b'digriet sussegwenti fit-30 ta' Gunju

[1] Infra

2010 l-ewwel Qorti pprecizat li minn dan l-ammont €250 huwa dovut ghall-attrici filwaqt li €160 huwa l-manteniment dovut ghall-minuri. Fis-sentenza appellata l-manteniment mensili dovut ghall-attrici gie ridott ghal €200, filwaqt li dak dovut ghall-minuri gie awmentat ghal €220.

14. Ferm il-premess, din il-Qorti fl-ewwel lok tghid li taqbel mal-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti li l-attrici m'ghandhiex tibqa' tiddependi mill-manteniment ta' zewgha ghal dejjem, tenut kont kemm tal-eta` taghha kif ukoll tal-fatt li ma jirrizultax li hi tbati minn xi kundizzjoni medika li timpediha milli tahdem u tiggenera introjtu. Fil-fatt mill-provi jirrizulta manifest li fil-mori tal-proceduri l-attrici kienet taghmel xoghol okkazjonali ta' hassielha ghand terzi biex tghin lilha nnifisha. Min-naha l-ohra pero` ma jistax jigi injorat il-fatt li l-attrici ghandha l-kura u kustodja tal-minuri li tghix maghha. Dan il-fatt, filwaqt li jikkostitwixxi kontribut oneruz da parti tal-attrici li allura trid bilfors tirregola hajjitha skont il-bzonnijiet tal-minuri li ghadha tmur l-iskola, jdghajjef il-possibbilita` tal-attrici li ssib impieg regolai b'hinijiet fissi li jippermettilha jkollha introjtu adegwat u regolari ghall-ghixien taghha.

15. Min-naha l-ohra l-konvenut ghandu impieg regolari mal-gvern, li mill-provi jirrizulta li fis-sena 2007 kien jirrendilu salarju mensili nett ta' €1,173.23.

16. Rigward l-element ta' bzonn da parti tal-attrici, il-konvenut jghid li din ghandha mezzi adegwati sabiex tmantni lilha nnifisha u fir-rigward isemmi l-

assistenza socjali li tircievi l-attrici, kemm ghaliha kif ukoll ghat-tifla, u l-fatt li wara l-bejgh tad-dar matrimonjali l-attrici ser ikollha somma ta' flus adegwata sabiex tipprovdi ghall-manteniment taghha stess. Din il-Qorti tosserva li, l-assistenza socjali li jaghti l-gvern huwa intiz sabiex jgholli mill-livell ta' faqar persuni u familji li verament huma fil-bzonn, u mhux sabiex konjugi li jkollu mezzi finanzjarji adegwati biex jissodisfa l-obbligu tieghu li jissomministra manteniment jevadi dan l-obbligu. Fil-kaz odjern, l-obbligu tal-hlas ta' manteniment lill-attrici jaqa' fuq il-konvenut li ghandu introjtu adegwat u mhux fuq l-Istat.

17. Inoltre, rigward il-bejgh tad-dar matrimonjali l-Qorti, filwaqt li tosserva li din ghadha ma inbieghetx u li ghalhekk tibqa' l-possibbilita` li jkollha tinbiegh bi prezz inferjuri, l-attrici, li fil-prezent ghadha tghix fid-dar matrimonjali, wara l-bejgh l-attrici ser ikollha ferm aktar spejjez. Hija jkollha tikri residenza alternattiva ghaliha u ghat-tifla, u thallas l-ispejjez tal-utilitajiet tad-dar. Ukoll il-htigijiet tat-tifla jizdiedu progressivament hekk kif din tkompli tikber.

18. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mar-rata ta' manteniment stabbilita mill-ewwel Qorti, u tikkunsidraha bhala wahda gusta u ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz. Mill-banda l-ohra pero` il-Qorti tosserva li maz-zmien it-tifla meta tghalaq erbatax (14)-il sena, ghalkemm tkun ghadha minuri, tkun akkwistat grad gholi ta' indipendenza mill-attrici, u allura ma jkunx hemm ostakolu li l-attrici ssib impieg *full-time* u b'hekk tkun tista' tmantni lilha nnifisha u wkoll tikkontribwixxi finanzjarjament ghall-htigijiet tal-minuri. Ghalhekk din il-Qorti

ser tillimita l-hlas tal-manteniment ghall-attrici ghal perjodu ta' erba' snin mid-data ta' din is-sentenza.

19. Dwar r-rata mensili ta' €220 fissata mill-ewwel Qorti u konfermata minn din il-Qroti, din il-Qorti tippreciza li dan il-manteniment ikopri spejjez ta' edukazzjoni u spejjez ordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, filwaqt li tordna li spejjez straordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, bhal ma huma per ezempju spejjez relatati mal-oftalmologija [inkluzi spejjez ta' nuccalijiet], dentistrija jew interventi kirurgici li jista' jkollha bzonn il-minuri], dawn ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet kontra d-debiti fatturi jew ricevuti.

20. Ghaldaqstant u fis-sens fuq indikat dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

## L-Appell Incidentali

21. Dan hu bazat fuq zewg aggravji: wiehed li jirrigwarda l-ammont ta' manteniment komputat mill-ewwel Qorti u li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici ghaliha u ghat-tifla minuri, u l-iehor li jirrigwarda l-ammont ta' €23,970 komputat mill-ewwel Qorti bhala kreditu parafernali tal-konvenut u li ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali qabel ma jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

*L-ewwel aggravju*

22. Dan jikkoncerna l-ammont ta' manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fit-trattazzjoni tal-aggravju tal-konvenut, u ghall-istess ragunijiet hemm indikati tikkunsidra dan l-aggravju mhux gustifikat.

*It-tieni aggravju*

23. L-attrici tilmenta mill-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti tal-ammont li ghandu jigi prelevat favur il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar. Tghid li mill-affidavit[2] tal-konvenut jirrizulta li ghax-xiri tad-dar matrimonjali, li sar qabel iz-zwieg, huwa hareg LM26,500 u mhux LM29,000 kif indikat fis-sentenza appellata. Fl-istess affidavit jispjega li wara x-xiri tal-post huwa nefaq LM1,300 qabel iz-zwieg biex irranga l-post. Ghalhekk il-kreditu parafernali jammonta ghal LM27,800[3] u mhux LM29,000.

24. Inoltre, l-attrici tirreferi ghal dak li qal il-konvenut in kontro-ezami li hi kienet harget ukoll LM3,000 fuq l-ghamara u LM2,000 ohra fuq il-kamra tal-pranzu u l-kamra tas-sodda, filwaqt li hu hareg LM500 u LM500 fuq dawn iz-zewgt ikmamar.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

[2] Fol.199 *et seq.*
[3] LM26,500 + LM1,300

25. Illi l-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "Illli kif inghad, l-attur jghid li hareg disgha u ghoxrin elf Liri Maltin [LM29,000] meta xtraw il-fond imsemmi; li ma jghidx hu li l-konvenuta ndubbjament harget ghoxrin elf Liri Maltin [LM20,000]. Ghalhekk il-Qorti ser tawtorizzah jippreleva s-somma ta' disat elef liri Maltin [LM9,000] u allura ghoxrin elf disa' mija u sebghin €20,970 [ghax dan ma hux kreidtu kontra l-komunjoni]. Il-Qorti taccetta wkoll li hu ntitolat ghal cirka tlett elef Euro [€3,000] ohra ghal xogholijiet li ghamel u xi spejjez ohra ndikati minnu. B' kollox ghalhekk ghandu jippreleva s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf disa' mija u sebghin Euro [€23,970]…"

26. Il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa fondat parzjalment in kwantu mill-affidavit[4] tal-konvenut stess jirrizulta li s-somma li hu hareg ghax-xiri tad-dar kienet fl-ammont ta' LM26,500, u mhux fl-ammont ta' LM29,000 kif indikat fis-sentenza appellata. Minn dan l-ammont ta' LM26,500, ghandu jitnaqqas l-ammont ta' LM20,000 li harget l-attrici, biex b'hekk is-somma dovuta lill-konvenut hija ta' LM6,500 [illum €15,145].

27. *Del resto*, l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti meta stabbiliet l-ammont ulterjuri ta' €3,000 *"..ghal xoghlijiet li ghamel u xi spejjez ohra indikati minnu"* huwa wiehed gust fl-isfond tal-provi relattivi. Fil-fatt fl-affidavit tieghu l-konvenut jghid li qabel iz-zwieg hu kien nefaq LM1,300 [illum €3,029]. Ghalhekk l-ammont li stabbiliet l-ewwel Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi fir-rigward huwa sorrett minn dak li qal l-istess konvenut, filwaqt li l-flejjes li l-attrici tghid li hi harget ghax-xiri tal-ghamara llum jezorbitaw mill-kontestazzjoni in kwantu l-ewwel Qorti osservat li *"il-beni mobbli li kien hemm*

---
[4] Vol.1 fol.199

*fid-dar jidher li nqasmu gja`. Xi oggetti li jitwahhlu ghandhom jinbieghu mad-dar [bhal per ezempju airconditioner u l-kcina]; jibqa' biss kamra tas-sodda tat-tfal li tigi assenjata lill-attrici u mejda u siggijiet assenjati lill-konvenut."* Minn din il-parti tas-sentenza dwar il-qsim tal-mobbli ma sarx appell u ghalhekk issa mhux legalment konsentit li jsiru pretensjonijiet godda fir-rigward ta' dak li diga` gie deciz defenittivament.

28. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fis-sens li l-kreditu parafernali tal-konvenut huwa fl-ammonti ta' €15,145 [LM6,500] u ta' €3,000 li flimkien iwasslu ghas-somma ta' €18,145.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell principali billi tilqghu limitatament u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tordna li l-manteniment ta' mitejn euro [€200] fix-xahar ghall-attrici jibqa' dovut biss sa erba' [4] snin millum, wara liema perjodu l-konvenut ma jkunx aktar obbligat li jhallas manteniment lill-attrici ghaliha; ukoll, tordna li l-manteniment ta' mitejn u ghoxrin euro [€220] fix-xahar dovut lill-attrici ghat-tifla minuri jkopri l-spejjez ta' edukazzjoni u spejjez ordinarji tas-sahha tal-minuri, filwaqt li tordna li spejjez straordinarji relatati mas-sahha tal-minuri, bhal ma huma per ezempju spejjez relatati mal-oftalmologija [inkluzi spejjez ta' nuccalijiet], dentistrija jew interventi kirurgici li jista' jkollha bzonn il-minuri, dawn ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet kontra d-debiti fatturi jew ricevuti.

Tiddeciedi dwar l-appell incidentali tal-attrici billi tilqghu limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat li l-kreditu parafernali tal-konvenut, li ghandu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali, jammonta ghal tlieta u ghoxrin elf disa' mija u sebghin euro [€23,970], u minflok tordna li dan il-kreditu jkun fl-ammont ta' tmintax-il elf, mija u hamsa u erbghin euro [€18,145].

Tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez relatati mal-appell principali ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-konvenut u terz [$^{1}/_{3}$] mill-attrici.  L-ispejjez incidentali ghandhom jigu sopportati fi kwoti ugwali bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------